# IL ĦABIB

Joħroġ cull nhar ta tlieta, barra mil gimgha il Cbira u il gimgha ta Labsi.—L'imsieħbin ta Malta u Ghaŭdex jisŭielhom, bil Posta b'collox, tliet xelini fis-sena, li jistghu jitħallsu xelin cull erba' xhur, bil kuddiem. Ta Barra, jisŭielhom xelin actar fis-sena u jaħtieġ iħallsu ghall'inkas bis-sitt xhur fuk. Min ma javżax xahar kabel taghlaklu is-sena, jirtabat ghal oħra.—Ebda chitba li tasal f'idejn id-Direttur ma tarġa tirtadd l'ura.

Imżeŭŭak b'cull xorta ta daŭl, ta taghlim, ta aħbarijet u ta moghdija taż-żmien: imma dejjem nisrani u *ħabib tal-kalb.*
Proprietarju: il *Cumitat tal Ghakda tal Appostulat tat-Talb,* li kankal u sejjer imexxi dan il kari tajjeb, ghall gid tal Maltin.
Direttur: is-Sur Ġużè Muscat-Azzopardi (strada santa Lucija, numru 89.)
Amministratur: is-Sur Anġ. Galea (str. Brittanica, numru 53).
Stamperija: *G. Muscat* (strada sant'Orsla, numru 213).

IT-TIENI SENA. IT-TLIETA, IS-7 TA OTTUBRU, 1913. NRU. 85.


*Inbiercu b'kalbna collha il ĦABIB, gażetta bil Malti, u nirriccmandaŭħ lir-Reverendi Cappillani, biex ixerrduħ kalb l'insara tal Parroċċi taħħom, ghax nistenneŭ minnu gid cbir.*

*Mil Belt, fid-19 ta Jannar, 1912.*

† P. Arciskof u Iskof.

**Avvis lil Imsieħbin fix-Xirca "San Ġusepp."**

Fil ħmistax ta dan tarġa' tiftaħ li Scola ta bil-lejl. Daŭc li iridu jibaghtu lil uliedhom jieħdu ħsieb jictbuhom kabel, fl'Ufficcju, minn għada il kuddiem, mil għaxra ta filgħodu sa nofs in-nhar. It-tfal biex jistgħu jidħlu iridu icunu bdeŭ jakraŭ u jictbu bit-Taljan u bl'Inglis u jafu l'eŭŭel erba' regoli tal Aritmetica.

7 Ott. 1913 Is-Segretarju.

## Cliem tad-deheb.

### II.

## L'Emigrazzjoni.

Mas-sŭat, li għandna fukna, mal hemm li fiħ ninsabu, u li jislet id-dmuħ tal ħasra, compliet tlakkgħet l'Emigrazzjoni. Ma jidhirlix li incun nisbalja, jecc lill'Emigrazzjoni insejjħilha turrufnament. X'in hu turrufnament? Hu castig cbir, li mil Giustizzja jigi mogħti lil min icun għamel xi delitt aħrax, billi dana il ħati iccundannat jigi mifrud minn niesu u minn ħbiebu, imkabbeż il barra minn geŭŭa daru, imchecci minn ġo pajjiżu u mitfuħ f'xi pajjiż iżjed jeŭ ankas bgħid, iżjed jeŭ ankas tat-tbatija, scond ma icun iżjed jeŭ ankas icreħ u aħrax id-delitt, li hu icun għamel. L'eŭŭel turrufnament, li għaliħ giè iccundannat il bniedem, chien dac mita Alla checċa minn geŭŭa il Genna tal art lil Adam u l'Eva, b'castig tad-dnub taħħom.

X'in hi l'Emigrazzjoni? Ma hemmx bżonn nistaksu, għaliex kiegħdin fiż-żmien tagħna nisimgħu biha ta sicŭit, u ta sicŭit naraŭha b'għajnejna; u bosta huma li kiegħdin iġarrbuha jeŭ fihom infushom, jeŭ fil firda mil għeżież taħħom. L'Emigrazzjoni hi li stess ħaġa li hu it-turrufnament, jecc, ucoll, ma hix xi ħaġa actar ħarxa mit-turrufnament. Għaliex, bosta minn daŭc, li, għad-delitti taħħom, jiġu iccundannati għal dan il castig, icunu nies, actarx, ta kalb jebsa, nies bla kalb, li ma jafux b'imħabba, u la lejn kraba, la lejn ħbieb, ankas lejn pajjiżhom; nies, li għalihom cullimchien xorta ŭaħda, għax cullimchien xorta ŭaħda isibu il ŭesgħa għall vizzju, fejn tinsab collha chemm hi l'imħabba, ir-rabta u il għakda ta kalbhom. Imma, mhux hecc jiġri fl'Emigrazzjoni. Id-delitt ta daŭc li kiegħdin jatu-ruħħom għall'Emigrazzjoni m'hux delitt ieħor ħlief biss l'imħabba li huma għandhom lejn il familja taħħom, il ksim ta kalb li huma iħossu, x'ħin jaraŭha nieksa mil ħobż. Li msejcnin, huma stess jagħmluha ta Ħatjin li isofru il piena tat-turrufnament, jagħmluha ta Mħallfin li jiccundannaŭ lilhom infushom għal din il pena, jagħmluha ta Sbirri li jistraxnaŭ il bgħid minn nieshom u minn pajjiżhom lilhom infushom. Hemm bżonn jinfirdu; hemm bżonn jitturrufnaŭ rŭieħhom! U biex issir di'l ħarxa firda, chemm jaħtigilhom li msiechen jissaraŭ maħħom infishom! Dic il kalb, li tcun kiegħda iżżommhom imsammrin ġo darhom mal familja, din li stess kalb tcun, li, b'kaŭŭa li ma bħalha, trid iġġagħlhom jinfirdu minnha. Dic l'imħabba, li tcun kiegħda tagħlkilhom il bieb, biex ma joħorġux minn darhom u ma jinfirdux minn nieshom, din li stess imħabba, b'herra cbira, tinbuttahom il-barra, sabiex jinfatmu minnhom!... U ulied, li iħallu missier u omm magħħfusin mil fakar, mix-xjuħija u, forsi ucoll, mil mard; u żgħażaħ, li għadhom chemm intrabtu bir-rbat tal imħabba; u missierijet, li għandhom mgħannkin maħħom iċ-ċchejcnin uliedhom, fost it-tixrid tad-dmuħ, fost il ħerka tat-tgħannik, fost it-tnehid tal kalb, iħossu x'jaklaħħom, x'jifridhom minn geŭŭa id-dirgħajn tal maħbubin; jisimgħu x'igħidilhom: Infatmu minn nies-com, oħorġu minn djarcom, itbegħdu minn pajjiżcom! Isaŭ, għat-turrufnament!... U li msejcnin jatu l'aħħar ħarsa, igħidu l'aħħar chelma...«Min jaf narġgħux niltakgħu?! Min jaf x'se'r isir minn'na?!...» U isiefru! Isiefru ŭara ħafna taħbit, ŭara li biegħu dac li chellhom, jeŭ issellfu b'li mgħax, biex dabbru il flus meħtieġa għall vjaġġ tat-turrufnament taħħom. U isiefru b'kalbhom imtertka mil pŭieni, b'rashom mixgħula bil ħsieb tal familja, li ħalleŭ urajhom fit-tbatija, bil ġuħ! U isiefru bla ma jafu jecc icunux minn daŭc li svinturati, li, ŭara li icunu bateŭ u nefku flushom, mita jaslu fejn għandhom jaslu, jiġu minn hemm imcheċċijin l'ura lejn pajjiżhom actar fkar milli chienu kabel. U jecc jirnexxilhom jaslu kaŭŭijinshaħ, jecc jirnexxilhom isibu ix-xogħol, icun dac taħħom klieħ biex jistgħu iżommu il flus għalihom, biex jibagħtu lill familja u iħallsu, f'li stess żmien, id-dejn li icunu għamlu, biex setgħu isiefru? U xi ngħidu għall periculi, li fihom isibu ruħħom?

—Ibni Michiel, il gimgħa l'oħra, bagħtilna ittra ftit u xejn chergħa.

Daŭn il chelmiet kalhom lili, daŭn il ġranet, ŭieħed ragel, chif, malli intkajt miegħu, staksejtu għall'uliedu, li chienu siefru biex isibu ix-xogħol.
—Xi trid tgħid, staksejtu jena, b'din *l'ittra chergħa?*—Irrid ngħid, issocta dan il missier, li Michiel, fost l'aħbarijet l'oħra li tana, bagħat igħidilna li bagħtuħ jaħdem, flimchien ma ħaddiema oħra, f'desert, geŭŭa bosc. Ġurnata ŭaħda, fil ŭakt li kiegħdin iħaffru l'art, jilmħu gejjin lejhom, mil bgħid, katgħa ljuni, orsijet u tigri. Ibni u sħabu mietu bil biża; chienu pronti daħlu jiscansaŭ geŭŭa gaġġa tal ħadid, fejn damu imsaccrin hemm fuk sagħtejn, sachemm l'annimali feroci katgħu jeshom, tŭarrbu minn hemm u tbegħdu.— Ma għarafx igħidli jecc dic il gaġġa tal ħadid chienetx hemm għal tal apposta, biex il ħaddiema jischennu fiha, mita l'annimali feroci imorru għalihom. U jena ankas staksejtu chemm għandu cull jum dac ibnu, biex, barra mit-tbatija tax-xogħol, jokgħod maktul bil biża li, minn ħin għal ieħor, jigi mitħun taħt is-snien tal ljuni u tat-tigri.

*(Jissocta)* A. S.

## IL VESSUVJU.

*(jakbad fuk il għadd 83)*

Il ħüejjeġ li graü dic il ħabta üieħed jista' jakrahom fil üisk imsemmija *Memorja* tal Palmieri, fiha tistgħu taraü stampa sabiħa üisk, fejn hemm id-dehra collha tal Vessuvju fl'akkal tat-tfiegħ tan-nar tiegħu li xeħet fis-26 t'April 1872. Isimgħu issa x'igħid il Palmieri: «Id-dehra ta da'l ħruk li ma bħalu, li jena cont kèd nara bis-sicta collha mill'Osservatorju, chienet tasseü ta min jaraha. Imkegħda bejn żeüġ üidien ta nar l'iüaħħax id-dar ta'l Osservatorju, cüiet, saħansitra fuk il bjut, it-termometru chien juri l'74 grad. Il ħofra tan-nar chienet titfa' b'saħħa cbira ġamar tal biża'.... ma tul il mirżuk għarak ta nar chien nieżel miegħu minn cullimchien,... il ħsejjes li bdeü jinstemgħu minn dic il belliegħa chienu tal biża', u l'art chienet tiċċaklak collha chemm hi... fil üakt li il lava chienet tiġri bil killa tagħha, joħorġu tliet tefgħet oħra ta nar minn ġo li stess üied, u f'li stess ħin tal mixi tiegħu; ħaġa li għaġġbitni u gibitli għajnejja üara üidnejja!» Ridna insemmulcom di'l biċċa, għaliex kèd niftacar fis-sura sabiħa ta dac is-saħħâr ta Lodi, ta dac il għaref li għalchemm.... ta fommu siechet u ta dehen cbir, baka' dejjem.... Paülu Gorini, li chixef u fiehem it-tagħlim «ta Plutone,» xogħol bħal dac ma jidhirx li fehemuħ u għażżeüħ biż-żejjed, ħlief minn ftit u üisk ... bla ħeġġa! Mela, aħjar ma' nsemmu xejn, x'kal dana Gorini.

F'din it-taħüida tal 1872, deher dagħbien cbir in-naħa tal Majjistral ma tûl il mirżuk, li gibed għal 984 pied, li minnu ħareġ üied l'iżjed cbir ta lava mdeüüba li mbgħad ftegħrak f'żeüġ friegħi, li 'l üaħda gibdet lejn Resina u l'oħra lejn il ħandak ta Vetrana, u li mbgħad daret għar-rdum ta Faraüni, fejn di'l fergħa reġgħet inkasmet, u beżżgħet b'fergħa li tüaħħax in-nies ta San Bastjan u ta Massa. Xeħta lava oħra niżlet in-naħa t'isfel, gibdet lejn il Camaldoli. Il lava li nġemgħet dac in-nhar laħket għal 65,625,000 pied cubu, imxerrda fuk üiċċ art ta ma dûar 8 mili qüadri!

Imma donnha li di'l mixja hecc tüila tarraba' żmien tal ġrajja tal Vessuvju m'hi se'r tispiċċa katt. Għaliex f'Dicembru 1875 üera li se'r jarġa jitħarrec, chif ucoll għamel fl'1883, u bi xħit ta nar ieħor barra minn lôcu li sar fl'1891 u fl'1895, u oħrajn ħfief f'Aüüissu 1903, u tad-19 għat-28 ta Ġunju 1905, sachemm üaslet dic l'aħħar ġrajja tal biża' (l'aħħar ?...) li dehret fl'4-14 t'April 1906, li il ġurnali collha tchellmu fukha. U issa fil 5 ta Lulju ta dis-sena li aħna fiha 1913, xeħet ucoll tefgħa nar ħafifa li beżżgħet bosta nies.

Araü issa x'igħid is-*Secolo* tal 11 ta Settembru 1913. Żeüġ professuri germaniżi, Jacob u Stoltz, tal Università ta Monacu, geü Napli biex jiflu seüüa il fenomeni tal vulcan; niżlu fil 10 tax-xahar, nhar t'Erbgħa, fil għaxra ta fil-għodu, geüüa il ħofra tal Vessuvju, marbutin bi ħbula, imħarsin u mseħbin f'din il biċċa xogħol tal genn (għalchemm huma f'sessihom), mil professur Malladra tal Osservatorju il cbir tal Vessuvju.

Din-niżla chienet üisk imxiccla, u għalchemm il chemm ma ħalleüx gildhom, billi ta cull darba chienu jakgħu bcejjeċ cbar ta blat, irmied u trâb ieħor.

Damu nieżlin actar minn siegħa u nofs biex laħku il kiegħ. Üieħed minnhom chien se'r iħalli ħajjtu hu u jixxabbat ma biċċa blat li chienet üisk maħruġa il barra. It-tlieta flimchien üakfu ħdejn l'aħħar ħofra tarrmied u 'd-duħħan li nfetħet fl'aħħar tefgħa tal 5 ta Lulju li għadda. Hemm għamlu osservazzjonijet bil chif, bil barometru (għodda li biha tgħaraf it-tibdil u 't-tokol tal arja) bit-termometru, u ħadu ucoll bosta ritratti u għamlu ħafna ħżuż li jisüeü üisk fuk di'l ħofra tal biża'. Kalu ucoll li il ħofor l'oħra tad-duħħan żdiedu chif żdied ucoll il gass.

It-tliet professuri damu hemm geüüa tmien siegħat, iżuru dac il lôc tal biża; mill'osservazzjonijet li għamlu, katgħu li, il Vessuvju ma' idumx üisk ma jarġa jagħmel tiegħu b'xi tefgħa nar cbira.

Nixtieku b'kalbna collha li dana ma' isirx, üara üisk ħsara u bichi ta ħafna nies li ħalleü ġildhom, u li ma nisimgħux iżjed b'daün il ħüejjeġ coroħ li ichexcxu lil cullħadd u li tagħlak darba għal dejjem ir-raba' mixja tal Vessuvju li dejjket lil cull-ħadd!

Fost ħafna tifchiriet sbieħ li iltkajt magħhom u li jitchellmu mil Vessuvju, laktitni üisk dic tas-sena 79, li tfaccar l'aħħar jum ta Pompej. Immorru bil ħsiebijet tagħna għall'eüüel sêclu tal Habta Nisranija, nidħlu sa geüüa il cbir teatru ta Pompej, fejn nilmħu nisrani lest biex jigi mkatta' mil bhejjem grixtin, kuddiem gemgħa ta nies l'actar cbira u ferħana, mixtieka li târa dehra ta ħruxija li ftit nstemgħu bħalha.

Id-durbies (ljun) li minn 24 siegħa żammeüħ sajjem, u ma taüħx biss nitfa ichel biex jitrejjak, deher sa minn fil-għodu b'bixla ta üieħed m'hux f'sictu, jitħabat bla ma jista' isib mistrieħ, il għassies ta mal bhejjem ħaseb li ke'd jaħchem fiħ il ħass tal ġugħ... Dakka igħajjat għajjât l'iüaħħax u dakka jinxteħet fuk il ħadid tal gaġġa, iheżżu b'saħħa cbira.

In-nisrani 'mhejji għall martirju, ke'd jistenniħ, siechet u hieni f'nofs l'anfiteatru.

Imma x'ħin il üakt chien għoddu üasal, dic il bhima tal biża' inxteħtet mal art, bla ma tiċċaklak, hemm ġol gaġġa, tonfoħ u tilheġ, bi mnifsejha mal ħadid, kalb ir-ramel ta mad-düara.

*(Il bkija għal darb'oħra)*

Gius. Micallef Goggi. P.P.

---

## Ma dûarna.

Niżżu-ħajr lis-Sur C. Żammit M. tal poeżija li għoġbu jibgħatilna għall *Habib* u jiddispjacina ħafna li ma nistgħux nakduħ għal issa. Għad għandna disa' poeżiji oħra li imisshom kabel tiegħu, jigifieri sa disa' gimgħat m'illum ma nistgħux noħorġu lilha, għax aħna fil *Habib* ma ngibux actar minn poeżija cull darba; u, jeċċ jidħlu ħüejjeġ tal impurtanza fl'aħħar mument, l'eüüel ma icollha tagħmel il üisa tcun il poeżija. Din lîgi għal cull-ħadd, saħansitra għalina infusna; u difatti għandna żeüġ poeżiji tagħna li ilhom fuk tliet xhur jibkgħu cull darba barra biex jatu il post taħhom lil ħadd ieħor. Ma nkabbżu il ħadd kuddiem ħlief il Professur Dun Carm Psaila, li, bil kima collha għall chittieba l'oħra tagħna, inkisuħ il Pöeta tal *Habib*—għal bosta ragjunijet; u, fosthom, għax biħ iżżanżan.

—Nitolbu maħfra lill Üisk Reverendu Dun Albertu Dalli, Arcipriet u Cappillan ta ħaż-Żebbuġ (ta Malta), tal fastidju li raġa taħ l'Amministratur tagħna biex jibgħat il *Habib* l'ura. Aħna għadna niftacru li, mita ħareġ il *Habib* l'eüüel darba, is-Sur Arcipriet Dalli bagħtu l'ura bil francuboll tal Posta għadu müaħħal chif chien, nofsu mal gażetta u nofsu mal faxxa tal indirizz, jigifieri li inkas fetħu, biex jara x'in hu; u katt ma conna narġgħu nieħdu l'ardir nincommudaüħ it-tieni darba: nafu biż-żejjed is-Sur Arcipriet chemm hu imħabbat fil Parroċċa tiegħu. Imma l'Amministratur tagħna ma chien jaf b'xejn; u billi Monsinjur Arci-Iskof, Câp tal Cnisja, mita bierec il *Habib*, fid-19 ta jannar 1912, jigifieri gimgħatejn kabel ma bida joħroġ, chien *irriccmanda lir-Reverendi Cappillani li ixerrduħ kalb l'insara tal Parroċċi taħhom, għax chien jistenna gid cbir minnu;* u billi il biċċa il cbira tal Cappillani huma imsieħbin fiħ, anzi xi uħud minnhom, bħalma huma ir-Reverendi Dun Mabb Sisner, Dun Pier Battista Agius, Dun Mabb Bonanno, Dun Laürenz Manchè u *oħrajn ucoll,* iżejjnuħ b'articoli tal acbar fejda għar-ruħ u għall gisem; u billi jictbu fiħ sicüit ir-Reverendissimu Monsinjur Segretarju tal Iskof u bosta Canônci oħra tal Catidral, li għalihom is-Sur Arcipriet, bla dubju xejn, għandu kima cbira, bħalma huma il Professur Monsinjur Dun Manüel Vassall, Monsinjur Dun Paül Galea u Monsinjur Camilleri; u billi, fl'aħħarnett, il Vigarju tal Iskof, mita jicteb lill *Habib*, isejjaħlu *ġurnal tal bżonn u għażiż (necessario e ben amato)*; l'Amministratur ħaseb li is-Sur Arcipriet Dalli jissieħeb fil *Habib*, jecc mhux biex jakraħ hu, *biex ixerrdu fost l'insara tal Parroċċa tiegħu, chif irriccmandalu is-Superjur.* Mela, għad li aħna ma bagħtni elu xejn (u għal hecc mhux lilna messu iraġġa il *Habib* l'ura) nitolbuħ maħfra f'lôc l'Amministratur tagħna tal fastidju li taħ għat-tieni darba.

—Fuk li Scola tal Professur Billion, fuk il panigircu tar-Rużarju u fuk il festa tal Colonja taljana nitchellmu darb'oħra.

—B'sitta u tletin sena prâtca fil Krati t'isfel, nistħu ngħidu li il Gvern, jeü ma jimpurtaħx ħlief mil flus u biex ikanċeċ jonkos mir-rispett lid-dinjità tal Magistrati u lid-drittijet tal Poplu, jeü in-nies li għandu miegħu, ngħidu għal daüc li jordnaü ixxogħol, mhux għal daüc li jagħmluħ, ma jafux x'in huma jagħmlu. Il għarucażijet li graü nhar il gimgħa li għaddiet fil għodu, mita iżżanżnet is-Sala (scużi, ridna ngħidu il Gabuba) il ġdida, katt ma rajnihom hemm geüüa: imma għad narġgħu naraühom, mita jiżżanżnu iż-żeüġ Süali-gabubi li kiegħdin jinkatgħu minn camra üaħda, l'actar jecc icunu geü haün digà il Krati tal Campanja. Fejn hi rashom daüc li ħassru hecc tajjeb il Korti tal Magistrati? Mela, in-nies ħasbuhom għasafar? Daüc il passaggi u daüc l'antiporti actar jixirkilhom l'isem ta *passiggieri* u ta *gaġeġ*! L'eüüel caüża hoxna li tigi—bil folla ta xi partit, jeü bil curjużi ta xi omicidju, jeü b' xi ħamsin imputat, bħalma chienu daüc tal faħam—tfissrilhom x'aħna ngħidu. U ma rridu nitchellmu xejn fuk id-dlam tat-taraġ tal Gabuba il ġdida, li irid iservi ucoll ta curitur, għax ma għandhiex ieħor, u fiħ iridu jinġabru in-nies tal *Caüżi Civili ta Malta collha* (jigifieri üisk actar nies minn tal Krati ta fuk); u inkas ma nsemmu in-nukkas tal ventilazzjoni, in-nukkas tal post għan-nies geüüa is-Süali, fejn il Lîgi tgħid li il Poplu għandu il jedd jidħol jisma', u in-nukkas ta fejn il Poplu imsejjaħ hemm bil forza tal Lîgi u miżmum in-nofstanharijet sħaħ jagħmel il bżonnijet tiegħu! Ngħidu biss li dac ir-rass, dac it-tidjik, dac it-tirkiħ, dac it-taħsir tal ftit tajjeb li chien hemm, dac it-taksim bla ħsieb u bla gost jumilja il Magistrati u jonkos mir-rispett lill Poplu collu, barra milli ibaxxi taħt l' art il fâma tal Architettura maltija. X'igħid għalina, jecc icollu bżonn jidħol il Korti t'isfel xi Perit frustier jeü imkar xi Captan tal Inginieri Ingliżi?...Il Gvern imissu jiftacar li mhux collox flus fid-dinja! Chemm setgħet tigi tajjba, u cômda, u imdaüüla, u bi Süali tas-seü, il Korti tal Magistrati! Imma, bil flus li iffrancaü mil Krati tal Campanja, riedu iżidulha il *Cafè tal Alhambra* collu, mhux gabuba misruka minn taraġ!....

## Minn gimgħa għal oħra.

*26 ta Settembru.* Il Cumitat Patrijotticu fil lakgħa li saret ilbieraħ kata':

L'eŭŭel: Li jecc tigi biex issir l'elezzjoni, u kabel ma jitbiddlux il ħŭejjeġ chif jixtiekhom il poplu, jibka' iżomm jiebes fil fehma tiegħu u jaħdem biex il Cunsill jibka' battal.

It-tieni: Li il festa għaċ-centinarju għal migja tal Ingliżi f'Malta hija barra minn loc, għax ma takbilx mgħat-takbid, li minn mitt sena l'haŭn il poplu chellu mgħal Gvern Imperjali, biex jakla' daŭc il libertajet li l'Inghilterra ŭegħditu sa mil eŭŭel; u billi tista' turi dac li m'hux u tagħmel id-deni u tfixchel il poplu f'dac li kiegħed jagħmel biex jakla' il Costituzjoni, mux biss li il Cumitat Patrijotticu ma jieħux parti fil festa, imma chemm jista' iħassar, għad li fil ŭakt jistkarr li hu irid jibka' fidil għal bandiera Inglisa.

—Għal manuvri tal flotta inglisa fil Mediterran ix-xaħar id-dieħel, li semmejna fukhom fl'aħħar ħarġa, għandhom jingabru, taħt il cmand tal Armirall Sir J. B. Milne, erba' u tlietin biċċa, minnhom għaxra *Dreadnoughts*. L'Inghilterra trid turi b'dan li ħadd ma ibattiha fil Mediterran u li raġġħet tafgħet ħsiebha fuku minndu ftehmet mgħal Germanja.

*27 ta Settembru.* Fix-xahar ta Aŭŭissu, chif tgħarrafna il *Gazzetta tal Gvern*, chellna 53 cas tat-tifu, b'disa' mejtin. L'actar li chien milkut is-Siggieŭi, fejn il casi telgħu 21.

—Għal pranzu, li għamlu il Maltin ta Winnipeg b' tifchira tat-8 ta Settembru, chien hemm 50 ŭieħed u kagħad f'ras il mejda is-sur H. V. Parnis England, li ilu hemm l'actar. Tchellmu magħ tŭl il pranzu chemm il ŭieħed kalb iċ-ċapcip ta sħabhom u flaħħar tchellem is-sur Parnis England. Ħafna haŭn għarfu lil xulxin l'eŭŭel darba u 'lcoll ferħu ŭisk dac in-nhar, li jibkgħu jiftacru fil ġurnata, li fiha l'imħabba ta pajjishom lakkgħathom flimchien bħala ulied ta omm ŭaħda, bħala aħŭa li l'actar jinħabbu! Illum hemm f'Winnipeg 200 Malti, li minnhom 50 biss jaħdmu ġol belt, il bkija il barra.

—Fis-sena li għaddiet, mil 1 ta Marzu 1912 sat 28 ta Frar 1913, l'ilma sŭielu lil Gvern £16,437 u daħħal minnu £19,388; u'l *luce elettrica* sŭietlu £11,326 u daħħal minnha £18,318. Ir-Rapport ħareġ issa fuk il *Gazzetta tal Gvern*.

—Dalgħodu ŭieħed giè iccundannat tliet snin prigjunija talli ħà ġurament falż u sata' bih bagħat sentejn prigjunija lil min chien bla ħtija. Chemm hu ħaġa cherha il ġurament falż! Issejjaħ ll'Alla b'xhud tal ghideb tiegħec, trid tgħaddi b'għiddieb Lilu li hu l'istess kdusija! Min jaħlef fil falz, jagħmel agħar minn min jiċħad il fidi. Dan jiċħad is-seŭŭa li kal Alla, u dac jiċħad ll'Alla in-nifsu, għax *Alla għiddieb* ma jistax icun. Li il bniedem chien jaħseb fit-tort li jagħmel ll'Alla bil ġurament falż, chiecu jagħżel li imut milli jagħmel ġurament ŭieħed biss falż. Bħalma il ġurament falż jagħmel l'akŭa għajb lil' Alla, hecc il ġurament fis-seŭŭa jatiħ kima u hŭa att tar-religjon.

—Miet l'Ingħilterra fit-23 ta dan W. H. Hutchinson, li chien Principal Segretarju tal Gvern meta intagħtat il Costituzjoni tal 1887, dic li biha poplu iriegi lilu hu.

*1 ta Ottubru.* Dalgħodu fil Cnisja tal Gisŭiti saret il Premjazjoni lit-tfal tal Liceo. Ippriesida ir-Rettur tal Università u'd-discors għamlu il Professur tat-Teologija. Kassmet il medalji is-Sinjura Bonavia, li ir-ragel tagħha kiegħed issa floc il Logotenent Gvernatur li jinsab msiefer. Dari min jippresiedi jagħmel discors, li fih igħid x'jaħseb u x'inhi il fehma tal Gvern; imma di'ssena xejn minn dan collu. Dan ta' x'jaħsbu lil ħafna, u min fehma mod u min ieħor. Xi ħaġa hemm miżrugħa, li ma iddumx ma tinbet. Jalla tcun għal gid, u'l poplu jakla' dac li għalih ilu jitħabat is-snin il cbar!

—Dalgħodu ŭieħed, li chellu mandat fuk il persuna tiegħu, tah ferħ ta genn u chellhom ilibbsuh il kmis tal forza u jieħduh Ŭied Incita.

*2 ta Ottubru.* San-Paŭl-il-Baħar is-Sorijet ta *Nozzu* sejjrin jiftħu Scola. Chien hemm bżonnha. Id-dar silifhielhom b'xejn il Conti Frans Manduca, u xi nies, kalbhom tajba bħalu, taŭhom xi flus biex jistgħu jibdeŭ; imma jaħtieġ li oħrajn idaħħlu idejjhom fil but u li il Gvern igħin ucoll, la darba m'għandux hemm Scola tiegħu.

Il Ħabbàr.

## San Frangisc ta Assisi.

L'un fu fatto serafico in ardore.
Dell'un dirò.

*Dante Alighieri.*

SUNETT.

Mistoksi l'*Għadu* giè fuk il kdusija
ta San Frangisc, u ŭiegeb dac minbux:
«Alla l-Missier intela bil ħruxija
għall midinbin li Lilu ma jkimux...

l-għalchemm ma chienx sejiħallas din il ħtija
billi mekruda jiġu, ma jdumux,
in-nies collha tad-dinja għalanija,
jecc daŭna minn ħtijethom ma jindmux.

'Ma, Cristu lil Missieru, mimli ħleŭŭa,
talab għalihom, ŭegħdu li jibdilhom
mingħajr ma jinħtieġ biss lilhom ihedded;

għax chien fi ħsiebu bniedem jibgħatilhom
illi b'għamilu jarġgħu jaħtru s-seŭŭa:
għax Ħajjtu, fiħ, u Meŭtu ried igedded.

G. Arena.

## X' kal « Serietà » fuk is-« Salib »

GĦAL « ĦABBAR » TAL « ĦABIB »
U X'IŬIEGEB DAN GĦALIH.

*Serietà.* « Il Cumitat stieden lis-Surmast Vassallo. »

*Il Ħabbàr. Iva; mbagħad gibuni li chelli fl'aħħar nitlak.* Dan li hu stkarr miegħi, u ried li jiena ngħidu, ħalli ma jaħsibx xi ħadd li giè minnu li ma ħax parti. Dun Ġusepp Francalanza, li mar stiednu u ftiehem miegħu, chiecu staksih *Serietà*, jecc huma ħaġa ŭaħda bejniethom, chien igħidlu x'chienet seŭŭa il biċċa.

*Serietà.* « Għaliex tipprendi li chellu jistieden il Diacono u li Scola Cantorum ta San Giacbu, u ma jistidinx ucoll lis-Surmastrijet A. Vella, il Fiamingo.... u li Scola Cantorum tas-Salisjani? »

*Il Ħabbàr.* Jiena għidt *xi surmastrijet*, BĦALMA *huma Vassallo u Diacono*, u *bħalma* ma tfissirx *biss*, imma is-surmastrijet *ucoll* li huma tal katagħ ta daŭc. Li *Schola Cantorum* tas-Salisjani ma kbistx għaliha, għax ma satgħetx tcun mistiedna mingħajr id-Direttur, li ilu niekes minn haŭn minn nofs Aŭŭissu.

*Serietà.* « L'Accademia fil festa tal Iskof chienet ta inquiet u ta insult għal certi surmastrijet. »

*Il Ħabbàr.* Jecc, Alla itih il genna, is-Surmast Vella, tħanfes għax il Cumitat ta dic l' Accademja ma stidienlux lil uliedu, aħseb u ara chemm chien jieħu actar għalih illum jara il Cumitat tal Festi Costantinjani iŭarrablu ll'uliedu. Għax ŭara tant snin l'istima tagħhom chellha ticber fih. Mela x'inhu li da'l Cumitat « ippreveda a spalle altrui », jigifieri tiegħi, li chelli il ħsieb ta dic l'Accademja? Chiecu *Serietà* kal li il Cumitat tiegħu mexa' fuki fil għażla tas-surmastrijet, haŭn chien icun kal is-seŭŭa. Biss da'l Cumitat sata' gieb kuddiem għajnejh li il mużica m'hi ta ħadd ŭaħdu, imma ta daŭc collha li Alla għoġbu jatihom iddehen tagħħa, u li minn dac iż-żmien chien haŭn oħrajn li taŭ xhieda mix *comuni* tal ħila tagħħom fil mużica. Flaħħarnett, il Cumitat għal ġubleŭ tal Iskof lakka' għal Accademja erbgħa minn ħames surmastrijet, u tal Festi Costantinjani lakka' tnejn minn erbgħa, il Mastru di Cappella *ta Giesu* u l'Assistent tiegħu.

*Serietà.* «Hecc is-Sur Bugeja u is-Sur P. Vassallo ma hadux parti m'hix ħtija tal Cumitat, imma għar-ragiunijet taħhom privati li il Cumitat għaraf jirrispettahom. »

*Il Ħabbàr.* Dan igħidulu tgħatti ix-xemx bl'għarbiel, imma iż-żejt jitla' f'ŭiċċ l'ilma. Tas-Surmast Vassallo għidt x'chienet ir-raġuni u issa nżid li il ħtija chienet collha tal Cumitat jeŭ ta min kabbad miegħu flocu. Tas-surmast Bugeja naf ucoll x'chienet ir-raġuni, imma minn rajja ma nistax ngħidha. Biss ngħid li ma takbel xejn magħ dac il cliem ta *Serietà*.

*Serieta.* « Il Cumitat ma harisx le lejn partiti. »

*Il Ħabbàr.* Chif inhì li *Serietà* ma jafx bil lakgħa hecc ħażina li chellha mil Cumitat il *proposta*, li għamel il Canoncu Arpa biex ineħħi coll leŭn ta *partit* mil Cumitat, li chellu jirtiraha fis? Naf biha jien u naf minn ras il għajn, u ma jafx *Serietà*, li minn cliemu jidher li chien midħla seŭŭa tal Cumitat jecc mux biċċa minnu? Ŭaħda mit-tnejn: jeŭ *Serietà* irid jiċċajta, jeŭ inchella jagħmilha tal ibleħ biex ma iħallasx dŭana.

*Serietà.* « Li chiecu il Cumitat stieden b'għajnejh magħluka bħalma xi uħud ippretendeu uchien jidħol f'imbarazz li Cumitati oħrajn ma għarfux joħorgiu minnu. »

*Il Ħabbàr.* Haŭn issa *Serietà* għandu raġun biex ibiegħ, għax mbagħad iż-żejjed mbidded; chif riduh tasseŭ da'l Cumitat jistieden b'għajnejh magħluka? B'għajnejh magħluka chif chien jista' jaf liema Socjetajet u Capituli għandhom bejniethom custjoni fuk *anzjanità*, biex Alla ħares katt ma ilakkaħhomx flimchien, u *jipprevedi l'isconcert u il frastorn?* Tasseŭ li daŭn għandhom il jedd ilcoll li icunu mistiednin, la darba l'istiedina issir *generali*, chif titlob il Festa; imma x'jgħodd dan? fuk collox li ma jinkalgħax *sconcert* u *frastorn*. Offi għalih *Serietà* chemm jafha bi tŭila! Għajb li ma chienx ŭieħed minn tal Cumitat tal ġubleŭ tal Iskof, ħalli chien *joħorgu mil imbarazz* chif dan ankas chien jigih katt f'rasu. Imma da'l Cumitat ma jiddispjacihx, għax laħak dmiru magħ collħadd, u jecc ma fthemux ilcoll, ħtija ta dan hu m'għandux.

*Serietà.* «Il Giubleu ta l'Iskof hua prova, meta inkala l'inqŭiet sija bejn Capitoli, sija bejn societajet, sija bejn baned, li chienet costretta tindaħal il Pulizija u iddecidiet contra dac li ordna il Cumitat.»

*Il Ħabbàr.* Dan igħidulu klajja tar-ras, biex ma ngħidx ħaġ'oħra. Mbagħad dic tal Pulizija ħakkha tas-seŭ *brevett*. Barra milli il baned ma ftehmux bejniethom min idokk l'eŭŭel u fuk hecc ma ħadux sehem fil festi, għaŭġ ieħor m'hux tas-seŭ li nkala'. *Nappella* lil sħabi l'oħra tal Cumitat li għadhom qŭasi collha fuk riġlejhom. Mil bkija min igħidlu lil *Serietà* li dan l'inqŭiet ma chienx jinkala' xorta ŭaħda illum, li chiecu il Cumitat tal Festi Costantinjani stieden iż-żeŭġ

baned ? Il partit illum actar u actar saħan u chibes.

*Serietà.* «Int tcasajt u offendejt il Cumitat bħala partitarju għaliex ma stiedinx li Scola Cantorum ta San Giacbu, minghajr ma kaghat tahseb xejn li it-tfal ta San Giacbu huma imxerrdin ?»

*Il Ħabbàr.* Leùùelnett, *il partit* magħ San Ġacbu chif daħħlu *Serietà* ? Biex chiecu kal *ticchetta*, forsi chien icun hemm xi sens, imma *partit*, narga' u ngħid, x'għandu x'jaksam magħ Istitut tad-Dutrina ? Mela ngħajjar *bħala partitarju* lil Cumitat, għax ma stiedinx li *Schola Cantorum*, ankas li ridt ma stajt. Chif tgħajjar b'ħaġa li ma tistgħax tcun ? Tcasajt bih lankas, għax dejjem tchellimt fuku bil kima collha, jixhdu il *Habib*. Biss f'din tal Accademja urejtu li iddispjacini li xi surmastrijet u li *Schola Cantorum* ta San Gacbu ma daħħalhomx, għax naf li chienu jisùeùlha u iżidulha lil Accademja. Flaħħarnett, m'hux seùùa li issensel bniedem magħ ieħor, issefsiflu li ried joffendih, l'actar mbagħad jecc dan katt ma għaddielu da'l ħsieb baxx. U issa niġu actar għal custjoni ta li *Schola Cantorum*. *Serietà* chiteb għalija li *tcasajt minghajr ma kaghat nahseb xejn li it-tfal ta San Giacbu huma imxerrdin*. Imma il Cumitat din gietu f'rasu; ara chemm li bagħat is-Segretarju tiegħu DUN ĠUSEPP FRANCALANZA għand id-Direttur jistieden l'Istitut għal Comunjoni tat-tfal. Mela din tat-tfal mxerrdin hija scusa. Għax jeù chien jaf b'dan, jeù le. Jecc chien jaf, bħalma ma stiedinx li *Schola Cantorum* għal Accademja, ma chellux ankas għax jistieden l'Istitut għal Comunjoni. Jecc mbagħad ma chienx jaf (u hecc hu, għax il chelma ta *mxerrdin* ħarġet l'eùùel darba minn fomm id-Direttur ta San Ġacbu) u stieden biss l'Istitut, jigifieri li li *Schola Cantorum* ma chellux ħsieb jistiedinha. Mbagħad meta Dun Ġusepp Francalanza tchellem mgħad-Direttur, il Cumitat mux diġà chien ħaseb għat-tfal tal Innu, u ma chienx daħal iż-żmien għal li *Schola Cantorum* ? Nispiċċa bil cliem li stkarr miegħi id-Direttur ta San Ġacbu, il Canoncu Dun Carm Schembri. "Jiddispjacini għal aħħar (u miegħi jinsabu iddispjaciuti ucoll l'Operari collha) li li *Schola Cantorum* tagħna bakgħet minn barra għal Accademja. Meta stiednu l'Istitut għal Comunjoni jien bagħatilhom ir-risposta magħ Dun Laùrenz Ferriggi li *it-tfal chienu mxerrdin*, imma li sa mija cont niġborhom, ħalli, għidt jien, jistiednu li *Schola Cantorum*. Tasseù li żmien ma chienx baka', imma it-tfal mħarrgin, u jecc mux il ùisk il ftit u seùùa chien jirnexxilhom jagħmluh. Baka' f'ùiċċi, u b'hecc tħallas l'Istitut u ċaùc l'imsejcnin tfal, li coll sena fil Purcissjoni tal Gimgħa il Cbira jakdu il Fratellanza tal Curcifiss b'sagrificcju liema bħalu. Imma jagħmel Alla."

*Serietà.* "Int iccriticajt il daùc li fid-discors tahhom taulu xi ftit, imbagħad ridt li il Cumitat jistieden il dauc is-surmastrijet collha u lit-tfal collha ?"

*Il Ħabbàr.* Ma iccriticajtx, imma għidt dac li kal collħadd Liema sabar ta Ġobb hu biż-żejjed biex tisma' sitt discorsi ta nofs siegħa il ùieħed *in fila?* Ankas jecc il Conferenzieri icunu nieżlin mis-sema, flaħħar għandec tixba' u tiddejjak, u, jecc ma tridx tongħos, għax tigic il mistħija, icolloc toħroġ il barra, chif għamlu ħafna. Ùieħed mil Conferenzieri kalli: «Fejn cont nobsor, li ùaraja chien hemm daùc id-discorsi collha! Chiecu ma contx nicteb hecc fit-tul.» Għal dac li hu surmastrijet ùiegeb ġà għaliha il maħbub Direttur tagħna fl'aħħar numru tal *Habib* u ma ntennix, għax il custjoni hi l'actar *delicata*. Għal dac li hu tfal, jien ma semmejtx ħlief li *Schola Cantorum* ta San Ġacbu. Tnejn jeù tliet bcejjeċ cant ta ftit minuti il ùaħda la chienu itaùlu u ankas ikassru, u chienu jicsru ftit il *monotonija*.

*Serietà.* «Għax semmejt il Vassall u il Diaconu u ħallejt lill Bugeja? jeù forsi ta dan m'intix partitarju?»

*Il Ħabbàr.* Issa lakatni! Għax nċaħħdu, ma ngħidlux chif nħossha! Mela, jien la jien partitarju ta Nani u ankas ta Bugeja, la jien *ajcla* u ankas *stilla*, imma ngħożż u nati kima lil coll min bid-dehen li għoġbu Alla jagħnih bih u bil ħidma tiegħu chellu il ħila jogħla fuk l'oħrajn, hu min hu u jismu x'jismu. Imma *Serietà* issa ma igħidlix rasi magħ rasu jecc hux jeù le partitarju ta Bugeja ?

*Serietà.* «Int li tiddilitta tant bil giauar, l'ebda uaħda ma għoġbitec milli chien hemm gio ta Giesu, jeù biex predicatur jirrendi ruhu giaura hemm bzon jiffrequenta il Caraffa ? »

*Il Ħabbàr.* Jien l'articoli tiegħi fil *Habib* dejjem iffirmajthom *Dun Paùl*, chjf jafni collħadd, jeù *Il Ħabbàr*, għaliex ma ridthomx jaħsbu li jien għandi f'rasi li għamilt xi ħaġa tad-dinja l'oħra bli ġbart erba' aħbarijet. Issa *Serietà*, jecc għandu ħila, igħidli f'liema ùieħed minnhom jien semmejt xi ġaùhar, jeù faħħart xi predicatur chemm minn daùc li jiġu il Caraffa u chemm minn daùc li ma jiġux, ħlief lil Canoncu Arpa u lil Dun Ġusepp Francalanza, dic in-nhar tal Pellegrinaġġ għal Furjana, li bih nfethu il Festi Costantinjani ?

*Serietà.* « Naħseb li ir-ragiuni hia uahda, cioè li ir-Reverendu Francalanza, l' incens li chellu harku collu kuddiem is-Salib fil Processioni. »

*Il Ħabbàr.* Jecc għamel hecc, għamel seùùa ħafna u ħadd ma ilumu tiegħu, imma *Serietà*, li jaf b'daùn il ħsebijet l'actar moħbija ta Dun Ġusepp, ankas li chien hu, ma itelliflux il mertu collu kuddiem Alla. U l'incens, mux għax jimpurtani, li nħarak fuk il *Gazzetta di Malta* chien minn dac li nħarak kuddiem is-Salib fil Purcissjoni, jeù tagħbija oħra? Issa nagħmel lil *Serietà* talba. Dan beda' hecc l'articolu tiegħu fuki: *Jiddispjacini hafna ghalic li*, u mbagħad tilef il fil u ma kalx f'hiex jiddispjacih għalija. Nitolbu li, meta icun jista', igħidli f'hiex jisgħob bih minni. Flaħħarnett, noħodlu b'idu ta ħbieb li conna u nibkgħu.

*Monsinjur Habbàr, dac li f'mument ta furja jakbad il pinna u iħarbex li jigieh f'rasu, dac l'injurant u imbecilli li jattacca lil ħaddieħor bla ma kabel jivverifica seùùa il fatti, Dun Paùl.*

---

## Mistoksija jeu tagħlima ?..

Aħna ngħidu: kabàd*ni*, kabàd*na*, kabàd*com*; sabar*na*, sabar*com*; bil-chelmiet *kàbad* u *sàbar* sħaħ; u ngħidu kabd*ec*, kabd*u*; sabr*i*, sabr*ec*, sabr*u*; bil-chelmiet *kàbad* u *sàbar* neksin mit-tieni vocali.

Issa meta hu hecc, liema ortografija hi tajba ? dic ta' *kabàda, kabàdom, sabàra, sabàrom*, jeù dic ta' *kabadha, kabadhom, sabarha, sabarhom*, meta nafu li l-chelmiet *kàbad* u *sàbar* haùn bakgħu sħaħ u le ma xxellfu ? Għid it-tieni vocali il-għala tibkà' flocha u il-għala tgħib ?

G. V.

---

## Ma dûar id-dinja.

*Ruma.*—Il gimgħa li ħarget it-telegrafu għarrafna li is-saħħa tal Papa ma chienitx tant tajjba u li chien hemm xi biża: iżda, niżżu-ħajr ll'Alla, telegramm ieħor, ferraħna u kalilna illi hu aħjar u li ircieva ucoll xi persunaġġi. Actarx ma chellux ħaġa oħra barra minn għajja u nichet, għaliex ùeġgħalu bil bosta kalbu id-discors li il lhudi Nathan, Sindcu ta Ruma, għamel fil 20 ta Settembru, meta, bħal cull sena, titfaccar il ùakgħa tal belt ta Ruma. Jecc duluri hu jircievi mil għedeùùa, consolazzjonijet ucoll hu għandu mil veri ulied tiegħu. Cull jum pellegrinaġġi ta eluf u eluf imorru iżuruh: fost l'oħrajn fit-23 ta Settembru, laka' 1200 pellegrini tad-Djocesi ta Palestrina (Italja): ingemgħu fit bitħa ta *San Damasu* fejn għanneù għana sagru. Malli il Papa deher fil loġġa, għamlu applaùs cbir, għaliex bil kalb, u il gendarmi tal Papa dakkeù l'innu tiegħu— imbagħd, ùara, tahom il barca tiegħu u baka' għal xi żmien jisma il għana. Ġranet kabel, chien laka' il pellegrinaġġi ta Pisa, ta Genova, ta Crema u ta Salerno (collha bliet taljani). Ùasal ucoll pellegrinaġġ spanjol, ieħor tal ġuvintur ta Parigi u ieħor tan-nies tas-snajja tedeschi.

*Italja*—Miet sobtu il Ministru tal Posta Calessano fil ùakt li fi pranzu chien jagħmel discors: bil giri ħaduh f'dahar ta ħabib, u chemm chemm chien hemm żmien isejħu kassis biex jagħmillu il Griżma.

F'Cerbera, il current daħal f'maħżen u malli laħak il bramel mimlija bil *Carburo di calce* dan sar aciteline u fakka: katel tlieta min-nies u kabbad żeùġ ti djar, li chien fihom ħames familji—mietu 14 u 30 bakgħu feruti.

*Inghilterra*—Taħùid cbir hemm fl'Irlanda għall qùistjoni tal *Home Rule*, għaliex il belt ta Ulster ma tridx tokgħod taħt il Gvern tal Irlanda, imma trid tcun tiddipendi mil Parlament ta Londra—hemm biża ta għerra civili u ta tixrid ta demm.— L'aħħar aħbarijet huma aħjar, għaliex donnu sejjer icun hemm ftehim, billi jeħelsu il belt ta Ulster minn taħt il Gvern tal Irlanda.

*Grecja*—Fil ùakt li it-Turchija għakkdet il paci mal Bulgarja, il Grecja ma 'ddumx ma ticsirha mat-Turchija u tiddichjaralha għerra, li fiha it-Turchija tcun mgħejjuna mil Bulgarja.— Ġà il Grecja sejjħet bil għaġla il Fizzjali li chienu bil permess, u ordnat lill baħrin tar-riserva li fi tliet ti jem jidhru għas-servizz.

*Portugall*—Ir-Regina tal Portugall, li għadha chif tejjget mar-Re Manùel fit-22 ta Settembru, tinsab fi sptar f'Munich (Germanja). Għall'eùùel intkal li chellha influenza, imma donnha għandha xi ħaġa actar gravi. Hemm tama li ma ddumx ma tfiek. Ir-Re mar jokgħod ucoll maħħa f'li Sptar.

*Spanja*—Xita cbira niżlet fuk Spanja, u il currrent ùakkaf il ferrovija u ġar il ħxejjex u ħsara cbira għamel billi ġarraf djar u postijet.

*Turchija*—Li stess ġara f'Costantinopoli, fejn djar, ġraden u pontijet geù mfarrca. F'li Stazzjon tal elettricità għerku tlietin ħaddiem.

L.M.C.G.

---

Mil LUCERNA TAL ĦAJJA.—76. Min għamel ħsara lil għajru bir-rieda tiegħu, biex icollu il maħfra jaħtieġ iseùùihielu.

PROVERBJU.

Cull-ħadd ikis b'xibru.